***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u wieħed u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgha 2 ta' Diċembru 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |

Is-Sur Cedric Valletta kien skużat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

Is-Sindku feraħ għan-nom tal-Kunsill lil Dr. J. Abela għall-Gradwazzjoni tiegħu bħala avukat u lil Dr P. Mifsud Bonnici għall-ħatra fil-kariga ġdida bħala President tal-Partit Nazzjonalista.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

### *4.1. Proġett tas-Suq*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għad hemm problema relatata mal-allegat ħsarat kawżati lill-terzi persuni waqt it-tħaffir tal-proġett tas-suq.

Ġie deċiż li ssir lista tal-allegati ħsarat u ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur fil-preżenza tal-Perit u l-*Contracts Manager* tal-Kunsill.

*4.2. Ħamrun Liberty S.C*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Erbgħa 18 ta' November 2009 saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Ħamrun Liberty S.C*. Ġie deċiż li l-*Ħamrun Liberty* jipprovdu lill-Kunsill bi pjanta li tindika l-armar ġdid tas-sena d-dieħla sabiex il-Kunsill jkun f'pożizzjoni jikkonsidra liema *mobile kiosks* jkunu jridu jitressqu.

*4.3. Rampa għall-Knisja San Gejtanu*

Il-Kunsill approva li jirranġa l-bankina li hemm fi Triq Tommaso Caruana Demajo sabiex tiġi livel mar-rampa tal-injam li ser ikun hemm fuq iz-zuntier.

*4.4 Kumitat Olimpiku Malti – Sports Awards tal-KOM*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet milqugħa n-nomina tal-Kunsill Lokali Ħamrun għall-*Isports Award*. Nhar il-Ħadd ser issir is-serata li fiha jitħabbar ir-rebbieħ.

*4.5 Kummisjoni Ewropeja – Golden Stars Award 2009*

Għal preżentazzjoni tal-*Golden Stars Award 2009* u l-*policy debate* rigward il-*European Year of Voluntery 2011* ser jattendu s-Sindku, il-Viċi Sindku, s-Sinjura C. Borg, s-Sur M. Caruana, is-Sur C. Valletta u s-Segretarju Eżekuttiv. Ser jattendu wkoll il-kordinaturi tal-proġett is-Sur Omar Bugeja, s-Sinjorina Maria Borg Mifsud, s-Sur Joe Cordina u s-Sur Rene Monseigneur filwaqt li bħala rappreżentanti ta' Carpineto Romano ser jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku. Is-Sur Joe Cordina u s-Sur Rene Monseigneur ser jitilgħu bħala ġurnalisti. Il-Kunsill irnexxielu jikseb tlett biljetti bl-ajru b'xejn mingħand l-Air Malta għal Brussels.

4.6 *Dipartiment ta' l-Artijiet – Qsari fuq bankini*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv żaru l-post flimkien mal-Kap tat-Taqsima tal-Infurzar tad-Dipartiment tal-Artijiet. Waqt l-ispezzjoni ġie nnotat li r-rapport lid-Dipartiment tal-Artijiet kien sar fuq isem ta' persuna li filfatt ma kellux oġġezzjoni għall-qsari. Fid-dawl ta' dan id-Dipartiment tal-Artijiet iddeċieda li ma jipproċedix bl-infurzar.

*4.7 Across Limits – Progett 'I'm Your Guide'*

Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li ltaqa' ma' rappreżentanti tal-Kumpanija *Across Limits*. Dawn spjegawlu li ser jorganizzaw kors ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja għall-Kunsilli, għaqdiet u individwi biex juru kif jinħoloq *Digital Library*. Il-Kors ser ikun mingħajr ħlas. Ġie deċiż li ninfurmaw lill-Għaqdiet. Il-Kunsilliera ġew mitluba jressqu ismijiet ta' persuni li jaħsbu li jistgħu jkunu interessati fil-kors.

4.8 *Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Attivita` Milied*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni rigward l-Attivita` tal-Milied. Huma spjegaw li dawn taw x'jifhmu li

għandhom kollox lest u li kellhom bżonn kien biss palk u dawl. Issa l-Kunsill ġie nfurmat li jeħtieġu €1,850.00 biex issir l-attivita`. Ġie deċiż li ssir laqgħa urġenti magħhom nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru fil-5.30pm. Dr J. Abela offra li jipprovdi *platform* għall-użu tal-banda mingħajr ħlas.

*4.9 Bay Street*

Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li attendiet l-attivita` organizzata għall-anniversarju ta' *Bay Street* fejn inġabru fondi għall-*Equal Partners*. Hija spjegat li Ciantar Associates sponsorjaw il-*cakes* li nbiegħu fl-attivita. Filfatt inġabret is-somma €65.00 għall-*Equal Partners*.

4.10 *Kumpens għall-ħsarat fil-vettura tas-Sur Anthony Caruana*

Peres li Dr. P. Mifsud Bonnici kienet skużata għall-aħħar laqgħa hija staqsiet x'wassal biex il-Kunsill iddeċieda li jagħti rifużjoni ta' ħlas ta' ħsarat. Is-Sur Mario Caruana spjega li f'dan il-każ il-Kunsill kien approva li jsir ħlas lura tal-ħsarat peres li l-istess ħsarat ġew kawżati waqt li l-persuna involuta kienet fuq xogħol relatat mal-Kunsill.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-6 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru 2009.

*5.1 Sur Patrick Portelli - Suġġerimenti*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Portelli fejn issuġġerixxa diversi punti biex jittejjeb l-ambjent fi Pjazza 7 ta' Ġunju u t-toroq tal-madwar. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lis-Sur Portelli li Triq Qormi ma tinsabx fil-konfini tal-Kunsill Lokali Ħamrun filwaqt li ser jevalwa s-suġġerimenti l-oħra.

*5.2 Sinjura Teresa Wallace Camilleri – Ħsarat mal-faċċata*

Is-Sinjura Camilleri nfurmat lill-Kunsill li qed ikollha titjir mal-faċċata tad-dar tagħha meta jingħata l-konkos fil-proġett tas-Suq. Hija talbet li jsir it-tindif meta jitlestew ix-xogħlijiet.

*5.3 Monitoring Unit – Żbir ta' siġar fi Triq San Ġorg Preca*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Monitoring Unit* m'approvatx it-talba tal-Kunsill biex jinżabru fil-baxx is-siġar fi Triq San Ġorġ Preca. Ġie deċiż li kopja tal-korrispondenza tintbagħat lill-Iskola St Joseph u lir-residenti tat-triq.

*5.4 Sur Debono – Sit ta' żvilupp fi Triq Dun Nerik Cordina Perez*

Is-Sur Debono ġibed l-attenzjoni rigward telqa li hemm viċin sit ta' żvilupp fi Triq Dun Nerik Cordina Perez. Ġie deċiż li jsir rapport lill-Pulizija mill-Kunsill f'dan ir-rigward.

*5.5 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema Inizjattivi għall-Attivitajiet*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ntagħżel biex jingħata €5,000.00 għajnuna finanzjarja bħala parti mill-iskema Inizjattivi għall-Attivitajiet. Dawn ser jintuża għall-Festival taċ-Ċikkulata li ser isir f'Ottubru tas-sena 2010.

*5.6 Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma – Stall 6, Triq id-Duka ta' Edinburgh*

Il-Kunsill ġie mitlub mill-Koperazzjoni biex iħallas għall-konsum u kera tal-*meters* tal-ilma u dawl li kien hemm fi stall numru 6 fis-sit tas-suq kif ukoll għall-*meters* mitlufa. Is-somma mitluba hija ta' €3,147.01. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Korporazzjoni li l-Gvern għamel devoluzzjoni tas-sit tas-suq lill-Kunsill fit-13 ta' Frar 2008 u li l-*istalls* kienu ilhom mitluqa u miftuħa minn meta l-Gvern termina l-kera tal-istess *stalls,* iġifieri mill-31 ta' Diċembru 1998. Filfatt fdan il-perjodu, l-Kunsill ressaq diversi rapporti lill-Pulizija dwar abbużi fl-*istalls*. Meta nbdew ix-xogħlijiet mill-Kunsill ma nstabu ebda *meters* fl-istalls.

*5.7 TCTC – E-Biz*

Is-Sinjura C. Borg attendiet għal-*launching* tal-kors *E-Biz*. Dan ser ikun kors ta' sitt ġimgħat b'lezzjoni ta' tlett siegħat fil-ġimgħa.

*5.8 Sinjura Mary Abela – Ittra ta' apprezzament*

Is-Sinjura Abela kitbet lill-Kunsill biex tirringrazzja għall-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Hija faħret ukoll lill-Kunsill għall-kotba li hemm fil-librerija pubblika tal-Ħamrun.

*5.9 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Parkeġġ Riservat*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Kapillan tal-Parroċċa San Gejtanu fejn talab sabiex jiġu riservati żewg *parking bays* quddiem ir-rampa li saret għall-aċċess tal-Knisja. Dan sabiex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi waqt il-funzjonijiet liturġiċi. Ġie deċiż li l-Kunsill iressaq talba lill-ADT biex tiġi riservata *parking bay* waħda għal dan l-iskop.

*5.10 Sur Andrew Farrugia – Ħlas għas-servizz fiċ-Chocolate Festival*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Farrugia nfurmah li peress li kien ser iħallas il-VAT fuq is-servizzi tiegħu, kien qed jitlob biex jitħallas is-somma ta' €300 + VAT. Il-Kunsill approva li jagħti din is-somma bil-kundizzjoni li l-*Institute of Tourism Studies* jikkonfermaw li mhux ser jitħallsu ħlas ieħor bħala *overtime* relatat mas-servizzi offruti waqt iċ-*Chocolate Festival*.

*5.11 Sur Martin Micallef – Ħlas bin-nifs*

Is-Sur Martin Micallef talab il-permess tal-Kunsill biex iħallas il-kontijiet li għandu fuq il-vettura tiegħu fuq perjodu ta' 10 xhur. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir ftehim f'dan ir-rigward.

*5.12 Sinjura Mariella Apap – Kontravenzjoni*

Is-Sinjura Apap talbet lill-Kunsill biex jikkonsidra jikkanċella l-kontravenzjoni li nħarġitilha fi Triq id-Duka ta' Edinburgh meta t-triq filfatt kienet magħluqa. Ġie deċiż li s-Sinjura Apap

tintalab tikteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet jew tattendi t-Tribunal u tispjega l-fatt li meta ngħatat iċ-ċitazzjoni, Triq id-Duka ta' Edinburgh kienet magħluqa għat-traffiku.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

### *6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit Lara Demicoli, Manager tad-Direttorat għall-Maniġġ tat-Traffiku. Ġie deċiż li fid-9 ta' Diċembru uffiċjali mid-Dipartiment jispezzjonaw il-ħadid u *sleeping policemen* fil-Ħamrun fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex wara jitħejji rapport.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sindki kellhom laqgħa mal-Onor. Dr. Chris Said dwar *Public Private Partnership* fuq xogħlijiet fit-toroq.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem lill-Onor. Dr Mario De Marco dwar onorifiċenza lill-Dr. Guido De Marco. Sal-lum għadu qed jistenna risposta f'dan ir-rigward.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntefu żewġ kwotazzjonijiet għax-xiri ta' 11-il fanal fi Ġnien Oreste Kirkop. Dawn kienu:
  E. Calleja & Sons Ltd - €3,171.69 u
  Apex Interiors Ltd - €8,712.44
  Il-Kunsill approva unanimament li jixtri l-fanali mingħand E. Calleja & Sons Ltd għas-somma ta' €3,171.09.

### *6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li qed jiġbor stimi biex jinġibed *video* dwar il-lokalita` tal-Ħamrun.

- Il-Kunsill approva unanimament li s-sena d-dieħla tiġi organizzata attivita` tal-Karnival fuq l-istil tas-sena l-oħra.

- Il-Kunsill approva li jinxtraw *Diaries* personalizzati tal-Kunsill għall-Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u l-istaff klerikali.

### *6.3 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza *Christmas Buffet* fid-29 ta' Diċembru.

- Il-Party tal-Milied għat-tfal ser isir fis-sala tal-Knisja tal-Kunċizzjoni fis-7 ta' Jannar 2010 fil-5.30pm.

- Is-Sinjura C. Borg ipproponit li s-Sinjura Anabel Brown tinħatar bħala membru tas-Sotto Kumitat 3B. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 7. **Ġbir ta' Skart Riċikabbli**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa individwalment ma' rappreżentanti tal-kumpaniia Green MT u l-kumpanija GreenPak. Huwa spjega li fil-laqgħa tas-Sindki ż-żewġ kumpaniji għamlu l-preżentazzjonjiet tagħhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jiffirma ftehim bi prova mal-Kumpanija GreenPak biex jipprovdu servizzi ta' *bring-in-sites* żgħar u kbar fil-Ħamrun. Is-Sindku spjega li dan il-ftehim ma jinvolvi ebda ħlas mill-Kunsill għas-servizzi provduti mill-GreenPak. Il-Kunsill approva li jiġi ffirmat ftehim għall-perjodu bi prova mal-Kumpanija GreenPak.

## 8. **Attivitajiet tal-Milied**

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġabar stima għall-armar bit-tiżjin tal-Milied ta' Pjazza 7 ta' Ġunju 1919. Din kienet ta' €1500.00. Il-Kunsill iddeċieda li l-istimi kienet għolja wisq għall-pjazza waħda.

- Il-Kunsill iddeċieda li r-riċeviment tal-Milied għall-membri tas-Sotto Kumitati, Għaqdiet u Kuntratturi ser issir it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2009.

- Ġie deċiż li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u staff issir nhar is-Sibt 9 ta' Jannar 2010 fir-Restaurant Buffalo Bill.

- Il-Kunsill approva li jikseb is-servizzi ta' Phylisienne Brincat u l-kor tagħha flimkien ma' P.A System għall-tlett darbiet fix-xahar ta' Diċembru biex ikantaw fi Triq il-Kbira San Ġużepp

## 9. **Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti**

*9.1 Bankina fi Triq Qrejten*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-istima biex issir il-bankina man-naħa tad-djar fi Triq Qrejten kienet ta' €8,000.00. Il-Kunsill approva li ssir il-bankina ġdida.

*9.2 Ċitazzjonijiet dwar parkeġġ bil-ħin*

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni lilll-Kunsill dwar ċitazzjonijiet li qed jinħarġu lir-residenti Ħamruniżi li ma jkollhomx il-permess tar-residenti. Ġie mifthiem li jingħataw ċans sa l-aħħar ta' Jannar biex ir-residenti jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

*9.3 Negozji fi Triq Barth*

Dr J. Abela ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilmenti li rċieva minn residenti dwar negozji ġodda fi Triq Barth. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kiteb lill-Pulizija biex jinvestigaw l-ilmenti.

*9.4 Un/Loading Bay fi Triq il-Fatati*

Is-Sinjura J. Bugeja talbet biex jinbidlu l-ħinijiet tal-*Un/Loading Bay* fuq it-tabella li hemm quddiem il-forn fi Triq il-Fatati. Is-Sinjura Bugeja ntalbet biex tipprovdi l-Kunsill bil-ħinijiet proposti.

*9.5 Triq Roger Debattista u Triq Manwel Magri*

Is-Sinjura J. Bugeja staqsiet jekk l-l-Awtorita` dwar it-Trasport wieġbux dwar ir-rapporti tal-Kunsill ta' ilma li jinżamm f'salib it-toroq bejn Triq Roger Debattista u Triq it-Tramm u rigward it-talba tal-Kunsill għat-*Traffic Lights* fi Triq Manwel Magri. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ADT ma ħadet l-ebda passi rigward ir-rapporti tal-Kunsill.

*9.6 Bozza maqtugħa fi Triq Mons de Piro*

Is-Sur A. Ellul ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bozza maqtugħa fi Triq Mons de Piro bejn Triq Villambrosa u Triq Kappillan Mifsud.

*9.7 Triq Lord Byron*

Is-Sur M. Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ilmenti li qed jirċievi rigward il-wisa ta' Triq Lord Byron. Ġie deċiż li jsir studju biex tiġi solvuta din il-problema u wara ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tat-triq.

## 10. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-2 ta' Diċembru 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 11. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Ġie deċiż li laqgħa li jmiss isir nhar il-Erbgħa 6 ta' Jannar 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

____________________

DATA